MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2003

Numru 24/2002

**Artikoli 225, 20, 188, 17(b)(c), 23 u 533 tal-Kap 9, l-artikolu 15(1)(a)(b), 17, 18, tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolamenti 17, 28(1) u 31 tal-Avviz Legali 128 tal-1994,**
**l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Caruana**
**Spettur Raymond D'Anastas**
**V**

**IAN GALDES**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **IAN GALDES** ta' dsatax il-sena, bin Domenic u Rita nee Cassar, imwieled Pieta nhar t-tlettax ta' Lulju 1982 u li joqghod 54, Triq San Giusepp, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita` numru 430682M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Talli f'Haz Zebbug fl-ewwel ta' Lulju 2000 ghall-habta tas-sitta w ghaxra ta' filaxija waqt li kien qed isuq vettura tal-marka Vauxhall bin-numru ta' registrazzjoni LAH 472 fi Triq l-Imdina f'Haz Zebbug, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew n'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna l-mewt ta' Alan Ellul ta' sittax il-sena;
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-marka Vauxhall bin-numru ta' registrazzjoni LAH 472 b'manjiera perikoluza;
3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura tal-marka Vauxhall bin-numru ta' registrazzjoni LAH 472 minghajr ma kellha licenzja tas-sewqan fuq il-windscreen taghha;
4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'diversi lokalitajiet f'Malta saq vettura tal-marka Vauxhall bin-numru ta' registrazzjoni LAH 472 minghajr licenzja tas-sewqan b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurata jew garanzija dwar r-riskji ta' terzi persuni.
5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz, billi wahhal licenzja tal-windscreen [A-846349] [BBG 976] fuq il-vettura tal-marka Vauxhall [bin-numru tar-registrazzjoni LAH 472]; u
6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi wahhal licenzja tal-windscreen bin-numru BBG 976 fuq vettura ohra tal-marka Vauxhall [bin-numru tar-registrazzjoni LAH 472].

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li taghti l-piena stabbilita mill-ligi, ghandha wkoll tiskwalifika lil imputat mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil imputat jiddikjara li mhux ser jixhed f'dawn il-proceduri u dan fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2003.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-wiehed u ghoxrin ta' April 2003 sabiex dawn il-proceduri jigu trattati u decizi minn din il-Qorti b'mod sommarju.

Rat li l-imputat ddikjara fis-seduta tad-disgha ta' Gunju 2003 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Rat l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 esibit fl-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghar-reati kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena:

Il-Qorti tirrileva li llum il-gurnata l-piena f'kaz ta' htija dwar r-reat taht l-artikolu 225 tbiddlet bl-emendi li saru permezz tal-Att Numru 111 tas-sena 2002 ghalkemm ma japplikawx ghal kaz in ezami. Tant hu hekk, li llum il-gurnata l-massimu pieni permess mill-ligi f'kaz ta' htija huwa ta' prigunerija ta' mhux aktar minn erbgha snin u/jew multa li ma teccedix l-hamest elef lira maltin, filwaqt li qabel il-piena u cioe` dik applikabbli ghal dan il-kaz kienet massimu ta' sentejn prigunerija <u>jew</u> multa ta' elfejn lira maltin.

Illi l-Qorti qisiet ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe l-isfortuna ta' dan l-incident li fih tilef hajtu tifel ta' sittax il-sena u cioe Alan Ellul minhabba incident awtomobilistiku li sehh tort uniku tal-imputat li kien qed isuq minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta dwar ir-riskji ta' terzi persuni u li kien qed isuq b'manjiera traskurata u bla kont.

Il-Qorti qisiet wkoll l-fatt li l-imputat kellu eta zghira meta involuntarjament laqat lil vittma Alan Ellul ghaliex kellu biss sbatax il-sena.

Rat li l-imputat ghandu fedina penali nadifa u minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

Minn ezami tax-xhieda li ta l-imputa waqt l-inkjesta jirrizulta li l-imputat lanqas biss kien f'sikktu tant li kien belgha tlettax il-Dolmaine u hames Valium ma tlett ifliexken u nofs birra filghodu qabel ma sehh l-incident. Jirrizulta wkoll li kellu problema ta' tehid ta' droga tant li skond kliemu stess, kellu problema t'abbuz ta' droga tant li dakinhar wkoll flimkien mal-vittma kien ha *joint*.

Illi dan l-agir tal-imputat zgur li ma jiskuzax l-ghemil tieghu u l-Qorti tikkundannah bl-aktar mod sever u ma hija ser thalli lil hadd jaghmilha ta' cowboy fit-triq a skapitu ta' haddiehor.

Semghet wkoll lil Probation Officer Marietta Lanzon tixhed fis-seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2003 u tghid li l-imputat jinstab il-habs u taht arrest preventiv u minn mindu gie taht l-kura taghha biddel hajtu u qed jikkopera hafna maghha tant li huwa attiv hafna fit-taqsima YOURS.

**Illi ghalhekk il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi kif imsemmija fin-nota tal-Avukat Generali tal-wiehed u ghoxrin ta' April 2003 esibita fl-atti u cioe l-artikolu 225, 20, 188, 17(b)(c), 23 u 533 tal-Kap 9, l-artikolu 15(1)(a)(b), 17, 18, tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolamenti 17, 28(1) u 31 tal-Avviz Legali 128 tal-1994 u l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ssib lil imputat IAN GALDES hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah il-piena massima permessa mill-ligi ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin ai fini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet fuq premessi.**

**In oltre, tordna li l-imputat jibqa taht is-supervizzjoni ta' Probation Officer ghal perjodu massimu ta' tlett snin.**

**L-imputat probationer ghandu jobdi d-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-Probation u jaghti urine sample lilha kull meta jigi hekk mitlub. Illi din l-ordni qed ssir ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna wkoll li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira maltin liema multa, stante li l-imputat jinstab residenti l-Facilita Korrettiva ta' Kordin, tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tletin ta' Awissu 2003 u dan ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat li l-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w innotat li n-nomina tal-espert saret waqt l-inkjesta u mhux waqt l-kumpilazzjoni u ghalhekk in linea ma dak li tipprovdi s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Trevor Farrugia moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Jannar 1998, qed tichad tali talba.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lil lid-Direttur tal-Corradino Services sabiex jghaddi biex jinnomina Probation Officer f'dan il-kaz.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------